MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010

Rikors Numru. 1070/2009

**BANK OF VALLETTA** p.l.c.

**Vs**

Carmen **CASSAR**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fit-3 ta’ Novembru, 2009 li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-Bank rikorrent talab li l-Qorti terġa’ tagħmel eżekuttiva sentenza mogħtija fit-18 ta’ Mejju, 1999 fil-kawża fl-ismijiet premessi (Ċitazz. Nru. 2471/99 RCP) u dan billi għaddew aktar minn għaxar (10) snin minn meta l-imsemmija sentenza saret eżekuttiva;

Rat li l-intimata notifikata bil-mezz tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni għall-finijiet tal-artikolu 187 tal-Kap 12, ma

ppreżentatx risposta u lanqas dehret għas-smigħ tar-Rikors;

Rat li l-Bank rikorrenti kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u ddikjara li ma tħallas xejn fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tal-Bank rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa' t-talbiet tal-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------